FGURA

Minuti tal-laqgħa 68 tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tnejn 20 ta' Frar 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A. DeGiovanni (18:40) |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sra R. Cutajar<br>Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sur A. Debono<br>Is-Sur M. Lombardo |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sur C Bonello u Chev. D Marmara` KLJ talbu li jkunu skużati. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet ta' dawn il-Kunsillieri kienu ġustifikati u għalhekk approva li jiġu skużati mil-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

**1.0 Minuti**

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3254/12/6 "Sabiex jiġu emendati l-minuti tas-17 ta' Jannar, 2012. Punt numru 7, jiżdiedu l-kliem fil-bidu tal-paragrafu: 'is-Sindku spjega li niżżel dan il-punt fl-aġenda bil-ħsieb li jiġġeded il-business plan hekk kif titlob il-liġi, pero ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv, li dan irid jiġi preżentat wara l-budget. Għalhekk, dan il-business plan kien ser jiġi mġedded f'laqgħa sussegwenti.' Il-kumplament tal-paragrafu għandu jiġi mniżżel taħt punt 11." Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli, Sur M Lombardo
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono

Mayor, vicemayor, councillors & secr

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3254/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

1.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3255/12/6 "Sabiex jiġu approvati l-minuti 17/01/12 kif emendati." Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3255/12/6 kienet approvata b'erba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

1.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3256/12/6 "Sabiex jiġu approvati l-minuti 03/02/12." Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3256/12/6 kienet approvata b'erba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 2.0 Korrispondenza

2.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra datata 14 ta' Frar, 2012, li fiha ntalab li jkunu mħallsa danni fuq waħda mir-roti tal-vettura tas-Sur J Attard. F'din l-ittra jingħad li sofra danni kawża tal-kundizzjoni li tinsab fiha Triq is-Sur. Kien hemm qbil ġenerali li l-Kunsill għandu jistaqsi lill-kumpanija tal-assikurazzjoni dwar x'azzjoni tittieħed f'każi bħal dawn.

2.02 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill talba għal installazzjoni ta' siġġijiet b'reklamar inkluż fuq il-bankina li tinsab biswit il-fergħa tal-bank tal-HSBC. Kien hemm qbil ġenerali li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jindika fejn għandhom jitwaħħlu dawn is-siġġijiet.

2.03 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill talba sabiex tkun imwaħħla *newspaper stall* li fiha titqiegħed l-gazzetta

Maltanow. Kien hemm qbil ġenerali li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jindika fejn għandha titwaħħal din l-*istall*.

2.04 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill talba li saret mill-għaqda Kopin, li taħdem b'riżq ir-residenti ta' Dar Liedna, biex tkun tista' tuża l-Clubhouse fi Pjazza Patri Redent Gauci. Kien hemm qbil ġenerali li l-Kunsill għandu jilqa' din it-talba.

## 3.0 Purchase Request Forms

3.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3257/12/6 "Sabiex jiġu approvati l-purchase request forms annessi." (ara 'DOK A'). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3257/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 4.0 Ħlasijiet

4.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3258/12/6 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi 18/1/12 sa 9/2/12." (ara 'DOK B'). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3258/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

4.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3259/12/6 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi 9/2/12 sa 16/2/12" (ara 'DOK C'). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3259/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

5.0 **Finanzi**

5.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3260/12/6 "Sabiex ikun approvat il-budget għas-sena 2012, hekk kif anness" (ara 'DOK D'). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3260/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

5.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3261/12/6 "Sabiex jitneħħew mil-lista tal-inventarju l-items li kienu nsterqu fid-9 t'April 2009". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3261/12/6 kienet approvata unanimament.

5.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3262/12/6 "Sabiex il-V&C Contractors ma jibqgħux jidhru fil-lista ta' kredituri tal-Kunsill billi m'hemm xejn pendenti wara l-final settlement". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3262/12/6 kienet approvata unanimament.

5.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3263/12/6 "Sabiex isiru l-emendi hekk kif mitluba mill-awditur fir-rigward tal-mid term audit hekk kif anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3263/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

5.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3264/12/6 "Sabiex ikunu approvati r-Report and Financial Statements għas-sena 2011 hekk kif

emendat anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3264/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 6.0 Memos

6.01 Ma giet imressqa l-ebda memo.

## 7.0 Tenders u Quotations

7.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3265/12/6 "Sabiex il-Kunsill jagħżel lill-Magħtab Constructions għat-tender ta' RWPC-17-12 Tender for Road Works, skond ir-rapport tas-sotto kumitat anness". Din kienet sekondata mis-Sra R Cutajar u s-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3265/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

7.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3266/12/6 "Sabiex jiġi estiż tender TDF-17-11 b'sena (tal-cleaning tal-uffiċċju)". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3266/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

7.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3267/12/6 "Sabiex tinħareġ quotation għal website ġdida tal-Kunsill". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3267/12/6 kienet approvata unanimament.

7.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3268/12/6 "Sabiex tinħareġ quotation għax-xiri ta' Marine Plywood għall-użu ta' l-attivita tal-murali, li għandu pjanata l-Kunsill". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3268/12/6 kienet approvata unanimament.

7.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3269/12/6 "Sabiex jinħareġ tender tal-contract manager". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3269/12/6 kienet approvata unanimament.

## 8.0 <u>Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali</u>

8.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3270/12/6 "Sabiex meta titlesta Triq Bormla, jiġu nstallati żewġ sleeping police". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3270/12/6 kienet approvata unanimament.

8.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3271/12/6 "Sabiex isir patching għal: Triq Sant Elija minn residenza numru 10 sa Alpha Court, Quddiem residenza 59 fi Triq San Xmun, Trinka tal-WSC quddiem dar 90 fi Triq San Xmun, Triq il-Ġojjin bejn djar 30 u 40, Triq San Ġwann bejn djar 49 u 77, Trinek tal-WSC fi Triq Sant' Antnin bejn Triq Hompesch u Triq Klerku, Vjal Kottoner minn residenza numru 27 sa 41". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli, Sur M Lombardo
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3271/12/6 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

8.03 Is-Sindku semma' kif l-Enemalta se tkun qed tagħmel xogħol ta' trinek fi Triq San Xmun u 'l madwar. Qal ukoll li l-Enemalta aċċettat li tħallas lill-Kunsill sabiex isir ix-xogħol ta' reinstatement. Il-Kunsill, b'mod ġenerali, qabel li l-Perit tal-Kunsill għandu jkun mistoqsi jekk ir-rati li kkalkulat bihom l-Enemalta humiex raġonevoli.

## 9.0 Rapporti Kumitati u Sotto Kumitati

9.01 Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 3272/12/6 "Sabiex il-Kunsill jibgħat dawn l-ilmenti lil 'Transport Malta' biex jiġu approvati". Din kienet sekondata mis-Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3272/12/6 kienet approvata unanimament.

## 10.0 Follow Up dwar il-Laqgħa tal-Lokalita'

10.01 Is-Sur M Lombardo semma' kif wieħed mill-ilmenti li saru waqt il-laqgħa tal-lokalita' kien dwar l-immaniġġjar tat-traffiku bejn Triq tal-Klerku u Triq il-Karmnu. Is-Sur M Lombardo propona li għandu jkun hemm perjodu ta' prova dawk li jkunu telgħin bil-karozza minn Triq tal-Klerku lejn Triq il-Karmnu, ma jkunux jistgħu jitilgħu lejn Triq id-Dejma.

10.01.1 Wara li saret diskussjoni s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3273/12/6 "Sabiex jinħatar sotto kumitat responsabbli mill-proponiment għas-soluzzjoni għall-problema fi Triq Karmnu k/m Klerku Chairman: Byron Camilleri, Viċi Sindku, Mark Lombardo, Saviour Camilleri, Rita Cutajar". Din kienet sekondata mis-Sur M Lombardo. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3273/12/6 kienet approvata unanimament.

## 11.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.01 Is-Sindku qal li rċieva ittra minn għand resident li joqgħod fi Triq Giacomo Matteotti k/m Triq Mahatma Gandhi, fejn dan wera x-xewqa li l-isem tat-triq ma jibqax imwaħħal mad-dar tiegħu. Kien hemm qbil ġenerali li dan l-isem għandu jitneħħa.

19:47 Is-Sur P Dalli u s-Sur A Debono ħarġu mill-kamra.

11.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3274/12/6 "Sabiex jinxtara computer għall-użu tas-Segretarju, Budget 600 ewro". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3274/12/6 kienet approvata unanimament.

11.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3275/12/6 "Sabiex jinxtara heater għall-clubhouse tal-gas". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3275/12/6 kienet approvata unanimament.

19:55 Is-Sur P Dalli u s-Sur A Debono rritornaw lura fil-kamra.

11.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3276/12/6 "Sabiex jiġu nstallati cctv cameras fi Pjazza Reggie Miller ". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3276/12/6 kienet approvata unanimament.

11.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3277/12/6 "Sabiex il-Kunsill itella' l-pageant fl-iskola primarja, b'kollaborazzjoni mal-Fgura Pageant Group. Il-Kunsill għandu jagħmel tajjeb għall-kiri tas-sala u l-caretaker". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3277/12/6 kienet approvata unanimament.

**12.0 <u>Siġar fi Triq Żabbar u Hompesch</u>**

12.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3278/12/6 "Sabiex joħroġ tender tas-supply tas-siġar u manteniment għal tlett snin. It-tender document għandu jindika dawn is-siġar ġo pots Cypress, Crimson Bottlebrush, Judas tree, Bay Laurel, Olive. It-tender għandu wkoll jingħata ċ-ċans li jipproponi siġar oħrajn, adattati għat-triq prinċipali. Il-pots għandhom ikollhom post għal riklam u l-logo tal-Kunsill". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3278/12/6 kienet approvata unanimament.

**13.0 <u>Librerija Pubblika</u>**

13.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3279/12/6 "Sabiex il-Kunsill jikteb lill-Ministru tal-Edukazzjoni fejn jinforma b'din id-deċiżjoni li l-Kunsill ma jaqbilx magħha, filwaqt li jispjega dan il-proġett u d-dettalji tiegħu, filwaqt li jitlob rimedju". Din kienet sekondata mis-Sra R Cutajar. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3279/12/6 kienet approvata unanimament.

**14.0 <u>Promozzjonijiet</u>**

14.01 Is-Segretarju spjega li ħarġet sejħa għal żewġ promozzjonijiet minn Skala 15 għal Skala 13 permezz ta' Memo interna bbażata fuq mozzjoni tal-Kunsill 3136/11/6.

14.02 Wara li saret diskussjoni s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3280/12/6 "Sabiex dan il-Kunsill jaħtar bord tal-evalwazzjoni għall-promozzjonijiet interni. Chairman: Viċi

Sindku, Sindku, Mark Lombardo". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3280/12/6 kienet approvata unanimament.

**15.0 Mozzjonijiet**

15.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3252/12/6 "Sabiex isiru 4 pots tal-ġebel, bil-pjanti/fjuri f'Wesgħet Ġużeppi Gauci". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3252/12/6 kienet approvata unanimament.

**16.0 Mistoqsijiet**

16.01 Ma saret l-ebda mistoqsija.

**17.0 Aġġornament**

17.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' Frar, 2012, fis-18:30.

Il-laqgħa ntemmet fid-21:05.

Sindku

Segretarju